# NIRIEN ......... Kif tevithom

**Hafna drabi ma nqisux l-elettriku bhala wiehed mill-perikli li jistghu jikkagunaw nirien.**

**Il-parti l-kbira ta' nirien fid-djar isehhu minhabba hsarat fis-sistema ta' l-elettriku.**

Anke l-uzu mhux kif suppost ta' appliances ta' l-elettriku jista' jikkawza incidenti ta' nar.

## Il-Kutra ta' l-elettriku

- **Il-kutra ta' l-elettriku ghandha tintrefa' f'post xott u catt u ssirilha manutenzjoni darba kull sentejn. Tista' taghmel dan billi tirranga mal-hanut minghand min xtrajtha.**

- **Hu hsieb li dejjem titfi l-kutra ta' l-elettriku qabel tidhol fis-sodda u kun cert li din marbuta sewwa maghha.**

## Wires

- **Jekk il-wiring tad-dar ghandhu aktar minn 25 sena jista' jaghti l-kaz li dan ghandhu bzonn jinbidel. Tista' tinduna li hemm xi haga hazina jekk il-plugs ta' mal-hajt jibdew jishnu jew jibdew itiru l-fuses ghal xejn b'xejn.**

- **Qatt tqabbad hafna affarijiet f'daqqa ma plug wiehed, ghax jekk dan ikun mghobbi zzejjed jista' jkun kawza ta' nirien.**

- **Meta tpoggi borma fuq il-cooker, anki jekk dan ma jkunx ta' l-elettriku, kun cert li din qeghda f'posizzjoni stabbli. Qis li l-manku ma jkunx bur il-burner fejn jista' jinharaq jew jesporgi 'l barra b'tali mod li jekk jintlaqat tista' tinqaleb il-borma.**

- **Zomm il-wires ta' oggetti bhal toasters jew ktieli ta' l-elettriku 'l boghod mill-cooker u qatt tnixxef craret fuqhom.**

- **Qatt toqghod bil-qeghda vicin izzejjed ta' xi heater. F'kaz li tmur ghajnejk bik, tista' tqabbad is-siggu, sufan jew anki l-hwejjeg. Il-heater ghandha tinzamm ukoll 'l boghod mis-sodda, jew purtieri. Ghandna wkoll noqghodu attenti li xejn ma jkun jista' jaqa' fuq il-heater.**

**Ftakar: li bi ftit attenzjoni tista' tevita incidenti serji.**

# Ic-*Chip Pans*
# huma l-iktar kawza komuni
# ta' nar fid-djar

Jekk ic-*chip pans* jintuzaw sewwa ma fihom l-ebda periklu.
Bi ftit attenzjoni jistghu jigu evitati hafna incidenti ta' nar.

## Ic-*Chip pan* jista' jaqbad jekk:

- Iz-zejt jew butir jishon hafna u jiehu n-nar
  jew
- Iz-zejt jew butir ifur fuq il-cooker ghax ikun mimli zzejjed.

## Biex tnaqqas ir-riskju ta' nar:

- Huwa mportanti li c-chip pan ma jkunx mimli iktar minn terz biz-zejt jew butir;
- Thallix ic-chip pan wahdu fuq in-nar, l-inqas ghal ftit sekondi;
- Ixxotta c-chips sew qabel titfaghhom fic-chip pan;
- Qabel ma titfa' l-patata fiz-zejt dejjem iccekkja t-temperatura billi tpoggi bicca hobz zghira. Jekk il-hobz tikkrispja malajr ifisser li z-zejt huwa lest;
- Qatt titfa' l-ikel fiz-zejt jekk dan ikun qed ibaqbaq jew ikun hiereg minnhu duhhan blu.

# JEKK IC-CHIP PAN JAQBAD…..

## Importanti li zzomm kalm

1. **Iccaqlaqx ic-chip pan**
2. **Jekk tkun tista', itfi n-nar!**
3. **Qatt titfa' I L M A fuq il-fjamma**
4. **Poggi xugaman jew bicca mxarrba biex tifga n-nar. Halli c-chip pan jibred ghal mill-inqas nofs siegha.**

**JEKK MA TISTAX**
**TIKKONTROLLA N-NAR,**
**CEMPEL LID-DIPARTIMENT TAL-**
**PROTEZZJONI CIVILI**
**FUQ IN-NUMRU TAT-TELEFON**

**199**

jew

**112**

# Orqod mohhok mistrieh

Hafna incidenti tan-nar fid-djar isehhu matul il-lejl. Kun zgur li taghmel dawn il-ftit affarijiet kuljum qabel torqod:

- **Aqla' l-plug ta' dawk l-appliances kollha li m'ghandhomx ghalfejn jibqghu mixghula matul il-lejl.**
- **Qatt tpejjep fis-sodda u jekk tpejjep kun cert li titfi s-sigarett qabel ma torqod. Meta tbattal l-ash trays, zgura ruhhek li ma fadalx gmamar.**
- **Jekk ghandek il-fireplace, tinsiex taghmel il-guard.**
- **Itfi l-heaters kollha.**
- **Aghlaq il-bibien ta' kmamar li ma jintuzawx.**

# WAHHAL SMOKE ALARM

Illum fis-suq jezistu smoke alarms li ghalkemm ma jiswewx hafna flus, jistghu jaghtu lilek u l-familja tieghek twissija u hin bizzejjed biex tohrog f'kaz li jkun hemm xi hruq fid-dar.

# F'Kaz ta' Hruq

1. Zgura li kulhadd johrog mid-dar,
2. Aghlaq il-bibien kollha warajk,
3. Cempel lid-**Dipartiment tal-Protezzjoni Civili** fuq telefon **199** jew **112**;
4. Tidholx lura d-dar qabel ma' ufficjali mid-**Dipartiment tal-Protezzjoni Civili** jassigurawk li ma jkunx fadal periklu.

# FTAKAR …..

**In-Nar jiffaxxina lit-tfal**

Ghalhekk:

- **Thallix sulfarini fejn jistghu jintlahqu mit-tfal.**
- **It-tfal ihobbu jilghabu bil-lighters, li huma perikoluzi hafna. Kun zgur li tpoggihom f'post fejn ma jintlahqux mit-tfal.**
- **Accerta ruhhek li t-tfal ikunu qed jilghabu f'post zgur. Qatt thallihom wahedhom fid-dar.**

- Fejn hu possibbli tuzax xemghat. Jekk ikun hemm il-htiega li tuzaghhom, kun cert li titfihom wara l-uzu.
- Dejjem uza fireguards quddiem il-fireplaces u heaters.
- Qis li jkollok bizzejjed ash trays u ara li s-sigaretti jkunu mitfija sew.
- Itfi kull appliance li ma tkunx mehtiega li tibqa' mixghula.
- Investi f'fire extinguisher jew fire blanket ghax dawn jistghu isalvawlek hajtek
- Ftakar li d-duhhan jinfirex fi ftit sekondi u n-nar fi ftit minuti, ghalhekk tajjeb li taghmel manutenzjoni ta' l-ismoke alarm regolarment.
- Fassal pjan kif int u l-familja tieghek tkunu tistghu tohorgu f'kaz ta' nar kbir.

# JEKK TINTEBAH B'XI NIRIEN

**Ohrog lil kulhadd 'l barra mill-iktar fis possibbli.**
**Aghlaq il-bibien kollha warajk.**

**Sejjah lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili fuq in-numru tat-telefon 199 jew 112**

# FABBRIKI U NEGOZJI

Fabbriki u hwienet isofru hafna spejjez kawza ta' nirien li jistghu jitqabbdu minhabba nuqqas t'attenzjoni. Bi ftit hsieb nistghu nissalvagwardaw hajjitna.

## ZOMM NADIF

**- Thallix skart jakkumula. Dan jista' jkun osrs fejn jibda' n-nar.**

## DEJJEM ICCEKKJA L-ISTORES

**- Hafna drabi n-nar jibda go l-istores, ghalhekk ghandha ssir manutenzjoni regolari tat-taghmir kif ukoll fuq is-sistema ta' l-elettriku.**

## ITFIGH SEW

**- Kun cert li fejn jista' jsir tipjip ikun hemm bizzejjed recipjenti fejn jistghu jintremew is-sigaretti u sulfarini wzati.**

## SISTEMA TAD-DAWL U TAS-SHANA

**- Manutenzjoni regolari trid issir fuq kull tip ta' sistema li ghandek installata.**

## QABEL TITLAQ MILL-POST TAX-XOGHOL

**- Accerta ruhek li l-bini kollu huwa maghluq sew. Importanti li wiehed jicekkja wkoll li s-sigaretti u l-heaters kollha huma mitfijin sew u l-bibien huma maghluqa.**

## SAKKAR SEW

**- Nirien li jigu mqabbda intenzjonalment sfortunatament huma xi haga komuni. Ghalhekk wiehed ghandhu joqghod attent u jsakkar sew il-fabbrika jew hanut biex hadd ma jidhol minghajr permess.**

**Pubblikazzjoni tal-Ministeru ta' l-Intern**
**Dipartiment tal-Protezzjoni Civili**